# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2419

Każ Nru: 3079 / ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Gaston Caruana

u

Maltco Lotteries Ltd

Illum: 19 ta' Novembru, 2015

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni u fatti**

Dan il-każ beda jinstema miċ-Ċhairman u Sur Chris Attard fit-3 ta' Diċembru, 2012, iżda għadda għand iċ-Ċhairman hawn fuq imsemmi, fis-17 ta' Ottubru, 2013.

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-avukat Dr. William Cuschieri fis-26 ta' Ottubru, 2012, f'isem ir-rikorrent. Fir-rikors ġie allegat li r-rikorrent, li kien ilu jaħdem mas-soċjeta ntimata tmien snin fuq kuntratt ta' xogħol indefinit bħala '*call centre supervisor*' ġie tterminat fl-10 ta' Ottubru, 2012, u illi din it-tkeċċija ma kinitx għal raġuni tajba u sifficjenti skond il-liġi. Għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob lit-Tribunal li jiddikjara u jiddeċiedi illi t-terminazzjoni kienet inġusta u għalhekk għandu jingħata dawk il-provedamenti kollha opportuni skond il-liġi nkluż kumpens xieraq.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz ir-rikorrent espona li beda jaħdem mas-soċjeta ntimata fl-14 ta' April, 2004, bħala '*Call Centre Supervisor*'. F'Mejju/Ġunju 2004 kien intalab biex jimla applikazzjoni biex ikun approvat li jista jaħdem fis-settur mill-'Lotteries and Gaming Authority'. Ir-rikorrent kien għadda din l-applikazzjoni mimlija lis-soċjeta ntimata, eżattament lis-Sur Dimitrios Tagalis li m'għadux iżjed mas-soċjeta. Is-Sur Tagalis kellem

lis-Sur John Katakis, CEO tas-soċjeta ntimata, fuq ir-rikorrent u dan kellu jkellem lil-avukati tas-soċjeta, għaliex ir-rikorrent, fis-snin disgħin, kellu xi kawżi fil-Qorti Kriminali. Dan ifisser li r-rikorrent kien għamel '*full disclosure*' dwar dawn il-fatti lis-soċjeta ntimata. Ir-Rikorrent ġie nfurmat mis-soċjeta li jekk ikun hemm xi problemi ma' l-Awtorita' dwar l-applikazzjoni tiegħu kien se jiġi avżat. Ir-Rikorrent baqa jistaqsi regolarment fuq l-applikazzjoni tiegħu iżda s-soċjeta qatt ma tagħtu xi ndikazzjoni li kien hemm diffikultajiet.

Ir-Rikorrent, bil-kunsens tas-soċjeta ntimata, baqa jaħdem sigħat twal anke biex f'Lulju 2004 is-soċjeta ntimata ħadet f'idejha l-lottu u s-Super 5. Ir-rikorrent kompla biex xogħol tiegħu mas-soċjeta anke wara l-probation bil-ħsieb li l-applikazzjoni tiegħu ġet aċċetata sakemm f'Mejju 2012 ġie nfurmat mis-soċjeta ntimata li kellu jerġa jimla applikazzjoni ġdida.

Illi għal ħabta ta' Ġunju 2012, ir-rikorrent reġa ingħata applikazzjoni ġdida għal approvazzjoni ta' l-Awtorita' dwar lotteriji u Logħob. Ir-Rikorrent mela l-applikazzjoni u mar jitkellem mad-Direttor Ġenerali tas-soċjeta ntimata s-Sur Vasilcoris Kasiotakis. Kasiotakis qallu li m'għandux għalfejn jinkwieta għax kien ilu diġa tmin snin mas-soċjeta u dejjem għamel xogħolu sew u ġab ruħu tajjeb.

Fl-4 ta' Lulju, 2012, ir-rikorrent ġie nfurmat mis-soċjeta ntimata li l-Awtorita' dwar lotteriji u l-logħob kienet għadha ma laqgħetx l-approvazzjoni tiegħu u li dak inhar stess ġie nfurmat mis-soċjeta li sakemm l-Awtorita tapprovaħ kellu joħroġ bil-leave.

Ġie nfurmat ukoll li l-applikazzjoni li kien għamel fit-2004 qatt ma kienet għaddiet għand l-Awtorita' fuq deċiżjoni tas-soċjeta, dejjem skond ir-rikorrent. Dak inhar kien għamel 'full disclosure' fl-applikazzjoni għal kull impjegat lill-Awtorita, sabiex jiġu approvati. Infatti, s-soċjeta ntimata mpjegat lir-rikorrent u dan baqa' mpjegat tul il-perjodu bil-liċenzja l-antika.

Illi c-CEO tas-soċjeta, s-Sur Katakis, assigura lir-rikorrent li ħa jieħu ħsieb ikellem lil Awtorita biex ikun approvat malajr imma li kellu jieħu l-leave u li xorta kien se jibqa' jitħallas daqs li kieku qed jaħdem.

Fil-31 ta' Lulju, 2012, ir-rikorrent ġie nfurmat mis-soċjeta li mill-1 ta' Awwissu, 2012, kien ser ikun fuq unpaid leave u fit 3 ta' Settembru, 2012, is-soċjeta talbitu biex jirritorna l-mowbajl tax-xogħol u l-għada 4 ta' Settembru, 2012, ġie nfurmat li ma għaddiex 'mill-*fit and proper test*' ta' l-Awtorita'.

Fil-bidu ta' Ottubru 2012, ir-rikorrent bagħat ittra lis-soċjeta ntimata, anke wara parir tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg billi huwa ma setgħax jibqa' fuq unpaid leave. Nhar l-10 ta' Ottubru, 2012, ir-rikorrent irċieva ittra mis-soċjeta ntimata tavżaħ bit-tmiem ta' l-impjieg.

Żmien wara r-rikorrent intalab biex imur għand is-soċjeta ntimata biex jiffirma dokument biex jiddikjara li ser jaċċetta li ma jfittix lis-soċjeta għal xejn iżjed. Ir-rikorrent ma rrtirax dan id-dokument u ma ingħatax ic-cheque tal-bonus tal-gvern dovut.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tagħha, is-soċjeta ntimata, permezz ta' l-avukat Dr. Matthew Brincat, bdiet biex tikkonferma li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta bħala '*Call Centre Supervisor*' b'kuntratt ta' impjieg datat 14 ta' April 2004 (DOK ML1).

Illi s-soċjeta ntimata ingħatat liċenzja ġdida sabiex topera l-lotterija Nazzjonali fis-27 ta' Ġunju 2012, b'effett mil-5 ta' Lulju 2012, u dan wara '*Call for tenders*'. F'din il-liċenzja, il-Lotteries and Gaming Authority imponiet kundizzjoni ġdida fuq is-soċjeta ntimata li tirrekjedi li kull impjegat irid jiġi approvat mill-Awtorita' sabiex ikun jista jħdem mas-soċjeta ntimata.

Fl-4 ta' Lulju 2012, is-soċjeta ġiet infurmata mill-Awtorita' li r-rikorrent ma ġiex approvat. Is-soċjeta kienet ilha taf mill-2004 li r-rikorrent ma kellux kondotta nadifa, iżda, taħt il-liċenzja l-antika s-soċjeta ma kienetx obbligata li tibgħat.

Illi, fl-4 ta' Lulju 2012, ir-rikorrent ġie mitlub jattendi laqgħa urġenti u kien ġie nfurmat mis-soċjeta ntimata li l-Awtorita' ma ħarġitlux l-permess neċessarju sabiex ikun jista' jaħdem mal-kumpannija ntimata. Kien ġie spjegat lilu li eżatti l-għada kienet ser tidħol kundizzjoni ġdida fis-seħħ li tirrikjedi li l-impjegati jridu jiġu approvati mill-Awtorita' qabel jibdew jaħdmu mal-kumpanija ntimata. Ir-Rikorrent ġie mitlub sabiex ma jirrapurtax għax-xogħol mill-5 ta' Lulju, 2012, hekk kif il-kumpanija ntimata kienet marbuta ma' din il-kundizzjoni ġdida fil-liċenzja, iżda bħala ġest ta' buona volonta', ir-rikorrent ġie mwiegħed li jibqa jiġi mħallas sal-aħħar ta' Lulju 2012, li aċċetta. Ir-Rikorrent ingħatalu parir sabiex jieħu l-kwistjoni mal Awtorita' u jqabbad avukat sabiex jassistiħ. Ir-Rikorrent kien ukoll infurmat li ċ-Ċhief Executive Officer tal-kumpanija ntimata, Dr. Joannis Katakis, kien ser jinvolvi ruħhu personalment għan-nom tiegħu mal-Awtorita'. Fil-fatt, Dr. Joannis Katakis iltaqa, kif ukoll bagħat xi korrispondenza, maċ-Chief Executive Officer tal-Awtorita' fuq dil-kwistjoni (Dok ML2).

Is-soċjeta ntimata kompliet tiddikjara li kien ampjament ċar li, appena ġiet infurmata li r-rikorrent ma ġiex approvat fil-4 ta' Lulju, 2012, minflok qabdet u keċċiet lir-rikorrent mill-impjieg, infurmatu immedjatament bis-sitwazzjoni u spjegatlu li s-soċjeta ma setgħetx tħalliħ ikompli jaħdem magħha għax inkella s-soċjeta kienet tkun qed tkisser il-kundizzjoni tal-liċenzja u taffaċċja konsegwenzi serjissimi. Infatti, skond l-Artiklu 34 (b) tal-Att Dwar Lotteriji u Logħob ieħor (Lap. 438), il-liċenzja tas-soċjeta ntimata kienet f'riskju li tiġi kkanċellata jew sospiża li kieku ħalliet lir-rikorrent jaħdem bi ksur ta' dik il-kundizzjoni speċifika fil-liċenzja u r-rikorrent kien infurmat b'dan kollhu b'mod ċar ħafna;

Illi, minkejja dan kollu, bħala ġest ta' buona volonta', s-soċjeta ntimata żammet lir-rikorrent fuq il-kotba tagħha b'tama li s-sitwazzjoni tiġi riżolta, u bħala miżura ta' 'buona fede' s-soċjeta ntimata ma tatx ittra ta' tmiem t'impjieg lir-rikorrent għaliex is-soċjeta ntimata kienet qed tittama li l-kwistjoni tiġi riżolta bl-intervent tar-rikorrent u apparti minn hekk ir-rikorrent kien informa lis-soċjeta ntimata li qabbad avukat sabiex jirriżolvi l-kwistjoni mal-Awtorita' malajr kemm jista jkun;

Is-soċjeta kompliet li madankollu, r-rikorrent qatt ma reġa nforma lis-soċjeta ntimata b'xi żviluppi li forsi jista jkun kellhu mal-Awtorita', u fit-30 ta' Awissu, 2012, is-soċjeta ntimata rċiviet ittra mill-Awtorita' fejn intqal li r-rikorrent m'għaddiex mill-*fit and proper test.* (Dok ML3).

Illi, minkejja l-isforzi tas-soċjeta ntimata, fl-10 ta' Ottubru, 2012, l-Awtorita' kkonfermat li d-deċiżjoni meħuda fl-4 ta' Lulju 2012, kif konfermata fit-30 ta' Awwissu 2012, minn dejjem kienet waħda finali, u mhux sempliċiment waħda proviżorja. Dan ġie konfermat bil-

miktub għal darb'oħra l-għada, 11 ta' Ottubru 2012, permezz ta' messaġġ elettroniku mibgħut minn Dr. Joseph Borg, Chief Regulatory Officer fi ħdan l-Awtorita' (Dok ML4).

Illi, fid-dawl ta' dan kollhu, u minkejja l-isforzi sabiex tgħin lir-rikorrent is-soċjeta ntimata ma kellha ebda triq oħra ħlief li tittermina l-impjieg tar-rikorrent b'effett immedjat u dan permezz ta' ittra mibgħuta fl-10 ta' Ottubru, 2012. (Dok ML5).

Is-Soċjeta ntimata sabet konfort fl-aġir tagħha fis-sentenza mogħtija mit-Tribunal Industrijali fl-ismijiet Clement Azzopardi v Farmers' Central Co-operative Society Limited datata 3 ta' Ottubru 2012. F'dak il-każ intqal li meta entita' pubblika tirrevoka permess jew liċenzja ta' impjegat li hija assolutament neċessarja sabiex jaqdi dmirijietu, il-kuntratt ta' impjieg jista' jitqies li ġie ffrustrat u għalhekk il-prinċipal huwa 'kostrett' li jtemm l-impjieg.

Is-soċjeta temmet id-dikjarazzjoni billi qalet li in vista ta' dak li ntqal hawn fuq, is-soċjeta ntimata umilment titlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li tkeċċija tar-rikorrent saret għall-raġuni u suffiċjenti f'għajn il-liġi.

**Provi**

F'dawn il-proċeduri xehdu r-rikorrent, Dr. Joannes Katakis, CEO, Soċieta ntimata, Dr. Alison Fiott – Legal and Compliance Manager, soċjeta ntimata u s-Sur Reuben Portanier, CEO, LGA. Ġew ukoll esebiti diversi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjonijiet**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra x'wassal għat-tmiem ta' l-impjieg tar-rikorrent.

Il-fatti esebiti u riferuti aktar il-fuq huma tali li wasslu dan it-Tribunal għad-deċiżjoni.

Il-Provi miġjuba u t-trattazzjonijiet jikkonformaw mal-fatti dikjarati.

Ir-Rikorrent meta ġie mpjegat kellu '*disclosure*'. Ħareġ ċar għal dan it-Tribunal li dak iż-żmien meta daħal fl-impjieg 'l-*fit and proper test* ' ried isir biss għal-management. Is-Soċjeta xorta ddeċidiet li timpjiega lir-rikorrent.

Is-Soċjeta ngħatat liċenzja ġdida fil-5 ta' Lulju 2012 u din kienet tirrikjedi li kull ħaddiem tas-soċjeta irid jagħddi 'l-*fit and proper test*'.

Ir-Rikorrent ma għaddiex minn dan it-test.

It-Tribunal jinnota l-isforzi tas-soċjeta ntimata ma' l-MGA biex iżżomm lir-rikorrent fl-impjieg iżda ħareġ car li l-Awtorita' kienet ħadet deċiżjoni finali. Il-Fatti u l-provi huma ċari ħafna f'dan ir-rigward tant kruċjali għal dan il-każ.

**Deċiżjoni**

Meħuda in-konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, partikolarment il-fatti dikjarati u d-dokumentati esebiti, it-Tribunal qed jagħti raġun lis-soċjeta ntimata li waslet biex tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi li s-soċjeta ntimata kienet korretta li tittermina l-impjieg tar-rikorrent għal kawża ġusta.

Għal-finijiet ta' l-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi drittijiet ta' min assista lil-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

**Iffirmat :** **Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons.), Dip. Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**